



2018/2094(INI)

14.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-Futur tal-Ewropa
(2018/2094(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ivan Jakovčić

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-prodotti agricoli tal-Unjoni jikkontribwixxu kemm għall-iżvilupp ekonomiku tal-Unjoni f'dawk li huma produzzjoni u proċessar u kemm għall-wirt kulturali u gastronomiku ħaj tagħha, billi jsaħħu l-koeżjoni territorjali u soċjali kif ukoll it-tradizzjonijiet lokali u reġjonali; billi hemm żieda fid-domanda għal prodotti ta' kwalità għolja u tradizzjonali fil-livell Ewropew u fil-livell globali; billi l-futur tal-Unjoni jiddependi wkoll mill-preżenza ta' żoni rurali b'saħħithom u dinamiċi, inklużi żoni rurali estensivi;
 - B. billi l-agricoltura u l-forestrija jaqdu rwol ċentrali fil-ġestjoni effettiva tal-art bil-għan li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima abbażi tar-rispett għall-ftehimiet internazzjonali, filwaqt li tiġi salvagwardjata s-saħħa pubblika fl-aspetti kollha tagħha;
 - C. billi l-akbar kritiċi tal-Unjoni jiġbdu l-attenzjoni lejn distakk li hemm bejn l-azzjonijiet proposti tagħha u r-realizzazzjonijiet tagħha kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak lokali, u billi l-ħruġ tar-Renju Unit se jkollu impatti sinifikanti fuq il-finanzjament futur tal-Unjoni;
 - D. billi skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) id-domanda globali għall-ikel se tiżdied b'70 % sal-2050; billi l-politika agrikola komuni (PAK) il-ġdida teħtieġ tiżgura valur miżjud ekonomiku għall-biedja, filwaqt li ttejjeb il-produttività tagħha b'inqas riżorsi disponibbli u tippromwovi l-kompetizzjoni ġusta u ikel tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità għolja bi prezzijiet raġonevoli; billi daww l-oġettivi tal-PAK iridu jibqgħu elementi ewlenin għall-futur tal-Ewropa;
 - E. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija oġettiv ewlieni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; billi ħafna mir-rwoli moqdiya min-nisa fiż-żoni rurali jgħinu biex l-azjendi agricoli jinżammu vijabbli u biex il-komunitajiet rurali jibqgħu dinamiċi; billi l-isforzi għall-prevenzjoni tad-depopolazzjoni rurali huma marbuta mal-oportunitajiet għan-nisa u ż-żgħażaġh, u billi n-nisa fiż-żoni rurali bħalissa qed jiffaċċjaw bosta sfidi;
1. Jenfasizza l-importanza ta' PAK appoġġata minn baġit ifffinanzjat tajjeb; ifakkar kemm il-PAK għandha importanza ċentrali għall-istorja tal-Unjoni; jinnota r-rwol fundamentali li għandha fl-iżgurar ta' reġjuni rurali vibranti u provvista tal-ikel sikura; jinnota li r-riforma li jmiss tal-PAK hija oportunità biex jissaħħaħ it-twertiq tal-oġettivi tagħha; jenfasizza li l-PAK hija waħda mill-eqdem politiki u trid tkompli tkun waħda mill-aktar politiki importanti u integrati, u li se tkompli tikkontribwixxi għall-bini tal-futur tal-Ewropa permezz ta' integrazzjoni akbar, il-preservazzjoni tal-ambjent, u s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel għaċ-ċittadini tal-UE;
 2. Jenfasizza li l-biedja Ewropea taqdi rwol vitali fit-tmiġh tal-pjaneta u fil-fatt li tipprovdi impjiegi għal 46 miljun ruħ; jenfasizza l-isfidi li jinħolqu mill-kriżijiet u mill-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali; jinnota li l-azzjoni leġiżlattiva tal-UE biex tindirizza b'mod deċiżiv il-prattiki kummerċjali iġusti għandha l-għan li tiżgura katina tal-provvista

alimentari aktar sostenibbli għall-benefiċċju tal-bdiewa u tal-konsumaturi;

3. Jinnota li l-politiki ta' żvilupp agrikolu u rurali għandhom potenzjal kbir f'dak li hu forniment ta' beni pubbliċi; jenfasizza li l-agrikoltura mhijiex biss responsabbli għall-provvediment ta' materja prima u prodotti għall-industrija tal-ikel u industrij oħra, iżda għandha wkoll influwenza qawwija fuq l-ambjent u l-kampanja; iqis, għalhekk, li l-kwalità ambjentali fl-UE tiddependi ħafna mill-ġestjoni tar-riżorsi u mill-ġestjoni applikata fil-livell tal-azjendi agrikoli;
4. Jikkondividi l-għan għall-ġejjieni fit-tul ta' tranżizzjoni lejn agrikoltura Ewropea mmexxija mis-suq u sostenibbli li żżid il-kompetittività u tnaqqas il-ħtieġa li l-bdiewa jirċievu appoġġ għall-introjt; jitlob li l-PAK tiġi allinjata ma' politiki oħra tal-UE, u jenfasizza l-ħtieġa ta' dixxiplina baġitarja ġenerali; jirrimarka li meta jkunu meħtieġa żidiet baġitarji għal ċerti prijoritajiet, it-tnaqqis għandu jsir l-ewwel u qabel kollox banda oħra;
5. Jenfasizza l-ħtieġa li ssir simplifikazzjoni ġenwina tal-PAK, li timmira għal politika li tiffoka fuq ir-riżultati u fuq il-produzzjoni aktar milli fuq il-konformità; jemmen li l-PAK jeħtiġilha tkun aktar orjentata lejn is-suq, filwaqt li l-bdiewa jsiru inqas dipendenti mill-appoġġ pubbliku u filwaqt li tiżdied il-kompetittività fis-settur;
6. Jirrimarka li l-problema li kulma jmur qed tikber tad-depopolazzjoni taż-żoni rurali trid tiġi indirizzata b'mod determinat permezz ta' miżuri u sinerġiji mmirati bejn il-politiki tal-UE sabiex tingħata spinta lis-sostenibbiltà tas-settur agrikolu Ewropew, u b'hekk jiġu appoġġati u inkoraġġiti l-bdiewa żgħażaġh fiż-żoni kkonċernati; ifakkar li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa sfida li qed iħabbtu wiċċhom magħhha l-bdiewa f'ħafna Stati Membri;
7. Jenfasizza r-rwol li l-PAK taqdi fiż-żamma tas-saħħa u l-istat tal-ħamrija, l-ilma u riżorsi naturali oħra; jirrimarka li l-produtturi agrikoli Ewropej huma impenjati favur Prattiki ambjentali tajba u favur il-miri stabbiliti għall-indirizzar determinat tat-tibdil fil-klima;
8. Jišhaq fuq l-importanza tal-produzzjoni organika u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tas-sinerġiji ta' bejniethom, li huma ta' benefiċċju kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi; ifakkar kemm huma importanti l-aċċess għall-innovazzjoni u l-funzjonament ġust tal-katina alimentari; jitlob li wieħed mill-pilastri tal-PAK il-ġdida jiġi dedikat lill-prijoritajiet li joħolqu l-impjiegi u jiżguraw l-oġhla kwalità tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel tal-UE;
9. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-agrikoltura fil-prijoritajiet tal-Unjoni biex jittaffa l-effett tat-tibdil fil-klima u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli; ifakkar fil-ħtieġa ta' baġit b'saħħtu u adegwat għall-agrikoltura f'dak ir-rigward;
10. Jiġbed l-attenzjoni lejn it-tnaqqis fl-introjt tal-biedja fl-UE ikkawżat miż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni u mill-volatilità tal-prezzijiet, li għandhom impatt negattiv fuq kemm il-bdiewa għandhom il-ħila jżommu l-produzzjoni għaddejja; jenfasizza l-ispejjeż li jkollhom iġarrbu l-bdiewa Ewropej biex jikkonformaw ma' dawk li huma l-oġhla standards tas-sikurezza tal-ikel, tal-ambjentali, tal-benesseri tal-annimali u tax-xoġhol fid-dinja; jenfasizza li l-bdiewa għandhom jiġu kkompensati permezz tal-PAK talli

jipprovdu beni pubbliċi lis-soċjetà;

11. Jenfasizza li l-iskemi tal-kwalità tal-UE li jinvolvu l-indikazzjonijiet ġeografiċi (Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta, Indikazzjoni Ġeografika Protetta u Speċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti) jipproteġu l-ismijiet tal-prodotti mill-użu ħażin, jgħollu l-profil tagħhom, isaħħu l-valur tagħhom fil-qafas tal-ftehimiet internazzjonali, iżidu mal-introjt tal-bdiewa u jagħtu spinta lill-fiduċja tal-konsumaturi; jenfasizza li l-użu tal-logo Ewropew jagħti aktar viżibbiltà u jggarantixxi l-kwalità tal-prodotti agrikoli għall-esportazzjoni, kif jagħmel ukoll l-użu tat-termini li jindikaw l-orijini jew il-kwalità;
12. Jinsisti li għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-bdiewa li jiffaċċjaw spejjeż żejda minħabba r-restrizzjonijiet speċifiċi marbuta maż-żoni naturali ta' valur għoli bħalma huma ż-żoni muntanjużi, il-gżejjer, ir-regġuni ultraperiferiċi u żoni oħra żvantaġġjati; jemmen li, minħabba r-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom, il-finanzjament tal-PAK huwa importanti ħafna għal dawn ir-regġuni u li kwalunkwe tnaqqis li jsir se jkollu impatt ta' ħsara kbira fuq għadd kbir ta' prodotti agrikoli; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw skemi tal-kwalità sabiex jagħtu lill-produtturi kkonċernati l-opportunità li jintroduċuhom malajr;
13. Ifakkar fl-appoġġ tal-Parlament espress fl-2015 għall-estensjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti mhux agrikoli; jemmen li estensjoni bħal din għandha titqies b'mod serju fid-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa, minħabba l-potenzjal li għandha li tappoġġa lir-regġuni rurali billi żżid il-valur lill-prodotti tradizzjonali u toħloq l-impjiegi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq mingħajr dewmien proposta leġiżlattiva l-indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu estiżi għall-prodotti mhux agrikoli;
14. Jenfasizza l-hteġa li jsir investiment akbar fl-agrikoltura u fis-sistemi agroalimentari, kif ukoll li jsir iktar infiq fir-riċerka u l-iżvilupp, sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni, tiġi appoġġjata żieda fil-produzzjoni sostenibbli u jinstabu modi aħjar kif jiġu indirizzati kwistjonijiet bħall-iskarsezza tal-ilma u t-tibdil fil-klima;
15. Jenfasizza r-rikkezza tal-affarijiet tal-ikel u l-gosti Ewropej u l-ħafna varjetajiet kulinarji Ewropej; jenfasizza, għalhekk, il-hteġa li l-prodotti u t-toġhmiet tradizzjonali reġjonali u lokali tal-Ewropa jiġu preservati permezz ta' strumenti tal-PAK bħalma huma programmi ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali;
16. Jenfasizza l-importanza ta' PAK iffinanzjata sew u riformata biex jiġu indirizzati b'mod determinat il-bosta sfidi li l-Unjoni se jkollha tiffaċċja fil-ġejjieni; ifakkar li l-PAK jeħteġ li tappoġġa lill-bdiewa b'mod aktar effiċjenti sabiex ilaħħqu mal-kriżijiet agrikoli; jenfasizza l-importanza tal-PAK futura fit-trawwim tal-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp, filwaqt li jfakkar li l-oġġettivi tal-PAK għandhom jitqiesu meta jkun qed jiġi mfassal il-programm futur ta' Orizzont Ewropa;
17. Jenfasizza r-rwol li jaqdu l-bdiewa żgħażaġh għall-kompetittività kurrenti u futura tal-agrikoltura Ewropea u għall-produzzjoni tal-ikel garantita; jenfasizza li l-agrikoltura hija aktar minn sempliċement attività ekonomika u hija wkoll parti vitali ta' UE sostenibbli; jenfasizza kemm hi importanti l-ġenerazzjoni li għadha tielgħa għall-Futur tal-Ewropa;
18. Ifakkar fir-rwol tan-nisa fiż-żoni rurali u fil-kontribut tagħhom bħala intraprendituri u

promoturi tal-iżvilupp sostenibbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat il-potenzjal tagħhom għall-agrikoltura sostenibbli u għar-reżiljenza taż-żoni rurali; jitlob, għalhekk, appoġġ akbar għall-azjendi agrikoli ġestiti minn familji u għall-bdiewa żgħażaġh u appoġġ għall-impjeg fl-agrikoltura fiż-żona rurali, speċjalment għall-bdiewa żgħażaġh;

19. Jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni u r-riċerka, speċjalment fil-qasam tat-tniissil u l-għażla tal-pjanti, biex l-Unjoni tkun tista' tikkompeti bis-sħiħ mal-bqija tad-dinja f'dan il-qasam;
20. Jissottolinja li l-politiki ta' koeżjoni strutturali u l-PAK inaqqsu d-distakk minn bejn l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha billi jippromwovu l-integrazzjoni fil-livell lokali u jiżguraw żvilupp territorjali bilanċjat, speċjalment fiż-żoni rurali, periferiċi u żvantaġġjati. Jenfasizza, għalhekk, kemm hu importanti li jiġu appoġġjati l-iżvilupp rurali u l-biedja organika fil-PAK;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li titħares id-diversità tal-agrikoltura fl-UE, u jirrikonoxxi l-fatt li s-swieq lokali li huma fornuti bi prodotti agrikoli friski u mkabbra lokalment huma ambjentalment sostenibbli u joffru appoġġ lill-komunitajiet tal-biedja stabbiliti; jitlob li ssir promozzjoni aħjar tal-ktajjen tal-provvista qosra;
22. Jenfasizza li l-PAK tgħin biex tiġi ppreservata l-vijabbiltà taż-żoni żvantaġġati, inklużi ż-żoni muntanjużi, u għalhekk taqdi rwol vitali fil-prevenzjoni tal-abbandun u d-depopolazzjoni ta' bosta żoni fl-Ewropa;
23. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp rurali fl-appoġġ għall-agrikoltura multifunzjonali u fit-trawwim ta' sħubijiet bejn il-bdiewa, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà ċivili u tal-attivitajiet intraprenditorjali addizzjonali, sabiex jiġi ġġenerat id-dħul minn attivitajiet ekonomiċi diversifikati;
24. Jenfasizza li l-eżodu rurali li qed iseħħ bħalissa jirrikjedi l-interazzjoni bejn l-istrumenti tal-PAK u l-politika ta' koeżjoni biex iż-żoni rurali jsiru aktar attraenti;
25. Jenfasizza li l-PAK ma tirrigwardax sempliċement il-biedja u l-bdiewa, iżda wkoll l-għajnuna u l-iżvilupp tal-komunitajiet rurali usa' li fihom joperaw; jenfasizza li l-UE għandha ssaħħaħ il-politika ta' żvilupp rurali tagħha, li tiffoka fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, mill-appoġġ għan-negozji ġodda fiż-żoni rurali u l-aċċess għall-broadband sl-isfidi ambjentali jew soċjetali speċifiċi li qed tħbatta wiċċha magħha l-popolazzjoni rurali;
26. Jirrikonoxxi l-problema inkwetanti tal-ġuħ li qed taffettwa l-pjaneta tagħna, u għalhekk jemmen li l-UE għandha tfittex li tibni reżiljenza għall-kriżijiet tal-ikel, u b'hekk tiżgura provvisti tal-ikel suffiċjenti, nutrittivi u affordabbli u tikkontribwixxi għall-kisba ta' "Dinja fejn ħadd ma jbati l-Ġuħ";
27. Jenfasizza li l-inċentivi għall-għelejjel tal-enerġija sostenibbli li bħalissa qed jiġu ppjanati ma għandhom bl-ebda mod jikkompromettu s-sigurtà tal-ikel għall-pubbliku;
28. Jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp rurali, inkluża l-inizjattiva LEADER, fl-appoġġ ta' agrikoltura multifunzjonali u fit-trawwim ta' attivitajiet u opportunitajiet imprenditorjali addizzjonali, sabiex jiġi ġġenerat introjtu mill-agrituriżmu, u jiġu żgurati

agrikoltura sostnuta mill-komunità u l-forniment ta' servizzi soċjali fiż-żoni rurali;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw skambji tal-aħjar prattiki bejn il-bdiewa Ewropej, sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni u tissaħħaħ l-identità Ewropea.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	12.11.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 8 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, José Bové, Daniel Buda, Matt Carthy, Jacques Colombier, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Martin Häusling, Jan Huitema, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Maria Heubuch, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Hilde Vautmans, Miguel Viegas, Thomas Waitz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Ulrike Müller, Hilde Vautmans
ECR	Anthea McIntyre
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
NI	Diane Dodds
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Marijana Petir
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Momchil Nekov, Maria Noichl, Tibor Szanyi, Maria Gabriela Zoană

8	-
EFDD	John Stuart Agnew
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez, Miguel Viegas
VERTS/ALE	José Bové, Martin Häusling, Thomas Waitz

3	0
ALDE	Jan Huitema
ENF	Jacques Colombier, Philippe Loiseau

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni